*Ref*: 20/8/194/21

**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 20

*L-Erbgħa 20 ta' Jannar 2021*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' b'mod virtwali permezz tal-pjattaforma ZOOM nhar l- Erbgħa 20 ta' Jannar 2021. Il-laqgħa kienet skedata għal-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima - *Sindku* |
| | Darren Lynch - *Viċi Sindku* |
| | Steven Axisa - *Kunsillier* |
| | Ivan Bartolo – *Kunsillier* |
| | Rita Delezio - *Kunsilliera* |
| | Yvonne Arqueros – *Kunsilliera* |
| | Neville Camilleri – *Kunsillier* |

**Assenti b'apoloġija**
(Skont Ordni Permanenti
14A (3):

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

KUNSILL LOKALI PAOLA

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

**1. <u>Qari tal-ittri ta' apoloġija</u>**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma illi ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**2. <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

2.1. Il-Minuti nr. 19 ġew approvati *nem com.*

2.2. Il-Kunsillier Axisa staqsa dwar punt nr. 6 fejn qal li għalkemm ma kienx preżenti għal-laqgħa, ġie avviċinat minn impjegat tal-skemi fejn qallu li ma kienx ħa l-istess bonus bħal-ħaddiema oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri dwar il-metodu tal-bonus fejn qal li l-bonus tal-skema CIES u dawk tal-Kunsill hemm metodu kif jingħataw jew inkella persentaġġ li huma ċari u mniżżla fil-ftehim kollettiv u/jew fil-liġi. Kompla li għall-kas li qed isemmi l-Kunsillier Axisa, li huwa marbut ma ħaddiem tal-RSSL, ma hemmx metodu kif dan jingħata u għaldaqstant huwa dejjem prerogattiva tal-Kunsill.

**3. <u>Korrispondenza</u>**

3.1. Talba mingħand l-impjegata tal-Kunsill fi Skala 10 sabiex tieħu *qualification allowance* hekk kif kisbet ċertifikat fil-livell MQF 7 fi programm li huwa wkoll abbinat mal-ħidma tagħha fil-Kunsill. Il-membri approvaw.

3.2. Talba mingħand l-impjegata tal-Kunsill fi Skala 15 sabiex titla notch fl-iskala tagħha skond kif jinnota wkoll il-ftehim kollettiv tal-istess ħaddiema tal-Kunsilli Lokali. Il-membri approvaw.

3.3. Talba mingħand il-*Paola Girl Guides* sabiex isir użu mis-sala tal-Kunsill biex jagħmlu laqgħat nhar ta' Sibt filgħodu fid-dawl li l-ispazju li huma għandom fis-sede tagħhom ma jakkomodax biżżejjed nies skond il-linji gwida tal-Awtoritajiet tas-Saħħa dwar it-tixrid tal-Covid-19. Il-membri approvaw.

Kunsill Lokali Paola

3.4. Talba sabiex terġa teħel il-plakka tal-ħelsien li kien hemm fil-pjazza viċin tal-Każin tal-Partit Laburista u li tneħħiet minħabba l-proġett tal-pjazza. Il-membri talbu li l-persuna li għamlet din it-talba tibgħat ritratt tal-plakka li sargħet sabiex din umbagħad tiġi ikkunsidrata.

3.5. Talba minn Festivals Malta sabiex tiġi armata installazzjoni tal-Karnival fil-Pjazza għall-ġranet tal-Karnival. Il-membri qablu ma dan u taw l-approvazzjoni tagħhom.

3.6. Korrispondenza mill-Kumitat għat-tismija tat-toroq b'rabta mal-applikazzjoni tal-Kunsill sabiex jingħataw isem it-toroq ta' wara ċ-ċimiterju tal-Addolorata. Wara li iddiskutew din il-korrispondenza il-membri qablu li l-isem tat-trejqa magħrufa Sqaq Galluzzu ikun issa uffiċjalment Sqaq Galluzzu kif ukoll li tiġi irtirata it-talba ta' Sqaq ix-xewk.

3.7. Talba riveduta marbuta mal-inċident li kien sar fi Triq l-Irvellijiet u sargħet ħsara fuq mutur, fejn issa t-talba kienet ta' €442. Wara li l-kunsillier Camilleri spjega li kien tkellem mal-persuna konċernata fid-dawl li huwa għandu esperjenza fuq dawn il-muturi wasal għal dan l-ammont li huwa aktar raġonevoli. Il-kunsillier kompla li issa jew nipproċedu bil-qorti u taf tiġi għar jew isir dan is-*settlement*. Il-membri qablu li isir il-pagament. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li dwar dan il-każ huwa għandu d-dokumenti kollha kif mitluba mill-Bord tal-Governanza.

3.8. Talba għall-*sleeping policeman* fi Triq San Edwardu. Is-Sindku qal li huwa għandu appuntament mal-kuntrattur sabiex jiddiskuti dawn it-talbiet miegħu u mbagħad jkunu wkoll jistgħu isiru. Il-Kunsillier Axisa staqsa jekk staqsejniex lil min joqgħod viċin ta' fejn ser ikunu installati sabiex naraw għandhomx oġġezzjoni. Is-Sindku qal li jekk joqgħod jistaqsi żgur li jispiċċa ma isirx u mbagħad min ser jirrispondi għall-periklu li jkun ikkaġunat. Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li dawn it-talbiet ser ikunu wkoll ikkomunikati ma Transport Malta.

3.9. Korrispondenza mid-Diviżjoni tax-Xogħol tal-Gvern fejn il-Kunsill qed jiġi infurmat li l-fanali l-antiki tal-pjazza kienu ttieħdu fil-*workshops* tagħhom sabiex jaraw l-istat tagħhom u f'każ li jkun possibbli isir ix-xogħol tar-restawr.

KUNSILL LOKALI PAOLA

## 4. Monument Ġnien Dom Mintoff

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li bord indipendenti tal-evalwazzjoni tad-design contest tal-monument tal-Perit Dom Mintoff kien iltaqa' sabiex jiftaħ is-sottomissjonijiet. Is-Segretarju kompla billi ppreżenta lill-membri ir-rapport ta' dan il-bord li kien jgħid li kien hemm sottomissjoni waħda li ġiet umbagħad aġġudikata skond kif jitlob id-dokument tad-design contest fejn din is-sottomissjoni ġabet il-marka ta' 89 mill-massimu li kien 100. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla billi qal li wara li sargħet l-aġġudikazzjoni tal-abbozz infetħu d-dokumenti l-oħra li kienu wkoll konfermati validi mill-amministrazzjoni tal-Kunsill u mil-Perit tal-Kunsill u għaldaqstant il-bord irrakkomanda li din is-sottomissjoni tingħata issa l-premju tad-design contest li kien il-kuntratt innifsu sabiex isir il-monument. Il-membri iddiskutew dan ir-rapport u qablu li japprovaw l-istess r-rapport u għaldaqstant jagħtu l-kuntratt tax-xogħol sabiex isir il-monument lill-applikant rebbieħ.

## 5. Skemi (SPI)-LC Care, Restawr, Belt Kapitali tal-Kultura

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi dwar l-iskema LC Care tas-sena l-oħra kien sar ir-rapport finali sabiex jiġi ppreżentat lill-Animal Welfare, fejn ir-rapport jinnota illi kienu saru 123 operazzjoni ta' tiswija tal-qtates, saru cat shelters u cat feeding stations kif ukoll inxtara ikel għall-qtates u tqassam lill-feeders reġistrati tal-Kunsill. Huwa kompla li l-ammont totali li kien intefaq kien ta' €10,379 li minnhom l-ammont ta' €8,000 kienu qed jingħataw mill-*Animal Welfare*. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla li fl-iskema ta' din is-sena, fid-dawl li neutering ser isir mill-programm li ser jagħmel il-Gvern fuq bażi nazzjonali, il-Kunsill ingħata fondi għall-ikel, mediċini u interventi veterinarji li l-qtates stray jaf jiġu bżonn tul is-sena. Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lill-Kunsilliera responsabbli għall-ħarsien tal-annimali Yvonne Arqueros li qed taħdem bi sħiħ mal-amministrazzjoni tal-Kunsill fuq dawn il-proġetti.

5.2. Il-Kunsilliera Yvonne Arqueros infurmat lill-membri li ser naraw jekk il-Kunsill ikunx eliġibbli għall-iskema tar-restawr u f'każ li nkunu eliġibbli ssir applikazzjoni għar-restawr tan-niċċa ta' Sun Ġużepp fi Triq il-Ġdida. Il-membri qablu.

5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll li ħarġet l-applikazzjoni tal-Belt Kulturali tas-sena 2022. Il-Kunsilliera Yvonne Arqueros ssuġġerit li issir din l-applikazzjoni fejn jiġi ppreparat programm ta' attivitajiet kulturali għal matul dik is-sena. Kompliet li l-applikazzjoni fiha ħafna xogħol u jekk il-membri japprovaw ikun jista' jibda ix-xogħol fuq l-applikazzjoni. Il-membri qablu li ssir din l-applikazzjoni.

## 6. ***Staff***

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi l-impjegata fuq Skala 11 tal-Kunsill ppreżentat ittra lill-Kunsill fejn qed tinforma lill-istess Kunsill dwar l-irtirar tagħha mix-xogħol b'effett mis-6 ta' Mejju 2021 hekk kif ser tkun qed tilħaq l-età tal-irtirar.

6.2. Il-membri irringrazzjaw lill-impjegata Josephine Camilleri tal-impenn tagħha tul is-snin u approvaw ukoll li jibda l-proċess sabiex isir l-ingaġġ ta' persuna fi Skala 11 sabiex tissostitwixxi lill-istess impjegata. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ħsieb tiegħu huwa li l-persuna l-ġdida tinħatar sa' April sabiex isir xahar ta' *handover* hekk kif din l-impjegata tieħu ħsieb xogħol importanti ħafna marbut ma' procurement, pagi, taxxi, *petty cash,* tenders, pagamenti u HR fost l-oħrajn. Hawnhekk is-Sindku ippropona u l-membri qablu wkoll li fid-dawl tal-impenn marbut mal-vakanza u anke fl-isfond ta' kif qed jaħdem dan il-kunsill, l-bord tal-evalwazzjoni ikun magħmul minn żewġ persuni indipendenti flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u jistgħu ukoll jintużaw is-servizzi ta' uħud mill-persuni li kienu fil-bord tat-tenders tal-ġbir ta' skart u l-knis. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma li huwa b'obbligu legali li huwa għandu ikun membru fil-bord.

## 7. **Komunikazzjoni mis-Sindku**

7.1. Is-Sindku informa lill-membri illi kien għaddej b'diversi laqgħat mad-Direttur tal-Ħabs, fejn l-istess Direttur offra li aktar residenti tal-faċilita korrettiva ta' Kordin jagħtu servizz lura lill-komunità. Huwa kompla li bħalissa tiġa hemm resident wieħed li qed jassisti l-Kunsill fil-knis tal-pjazza u li issa jistgħu jiżdiedu miegħu mal-erba' residenti oħra li jieħdu ħsieb Ġnien il-Mediterran. Is-Sindku qal li jekk il-membri tal-Kunsill jaqblu ikun jista' isir Memorandum of Understanding li fost l-oħrajn jinkludi li l-Kunsill iħallas lill-dawn ir-residenti l-ammont ta' €300 fix-xahar għal kull residenti. Il-membri qablu. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri illi l-Memorandum of Understanding irid ikun ukoll approvat f'laqgħa tal-Kunsill.

7.2. Is-Sindku qal wkoll li f'dawn il-laqgħat li saru issemma wkoll li r-residenti tal-faċilita qed jaħdmu maskri sabiex iservu ta' protezzjoni kontra it-tixrid tal-Covid 19 u wara li anke staqsiet dwar dan milux il-Kunsilliera Delezio, is-Sindku ippropona li isiru maskri għar-residenti Pawlisti li jkunu inħadmu minn dawn ir-residenti tal-faċilita. Il-membri qablu ma dan u approvaw li jintuża l-massimu tal-baġit tad-*direct order*.

## 8. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

8.1. Il-Kunsillier Neville Camilleri xtaq jinforma lill-membri illi l-proċess marbut mat-tenders tal-ġbir ta' skart u l-knis kien għaddej però dan jieħu ħafna ħin u qed ikun ppjanat li l-kuntratti jibdew joperaw mill-1 ta' Frar.

8.2. Il-Kunsillier Ivan Bartolo qal li fuq inizjattiva personali huwa kien kiteb lill-Prim ministru dwar il-ħsarat u l-perikli marbuta mal-proġett tal-Pjazza u kompla li l-istess Prim Ministru kien iddeċieda li huwa stess jiġi u jara b'għajnejh dan ilbieraħ stess. Il-Kunsillier Bartolo qal li wara din iż-żjara l-Prim Ministru kien iltaqa' miegħu fejn talbu sabiex l-Kunsill jgħaddilu r-rapport li kien għamel il-Perit tan-nuqqasijiet tal-Pjazza sabiex huwa jkun jista' isegwi dan il-każ. Dwar dan is-Sindku qal li huwa kien ra l-email li ntbagħtet lill-Prim Ministru u xtaq jgħid li jiddispjaċih li qisu ingħata x'jifhem li l-Kunsill ma għamel xejn u li hu bħala Sindku ma jridx jerfa ir-responsabiltà. Huwa kompla li ilhu għal dawn l-aħħar sena u nofs jagħmel pressjoni biex jitranġa ix-xogħol mal-Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta u mal-periti kkonċernati meta l-proġett mhux wieħed tal-Kunsill. Il-membri iddiskutew dan is-suġġett u qablu li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jibgħat ir-rapport lill-Prim Ministru. Il-Kunsillier Axisa qal li apparti dan kollu xi ħaġa sabiħa li l-Prim Ministru għażel li jiġi huwa wkoll fil-Pjazza u jieħu interess fil-każ. Is-Sindku qal ukoll li kien tiġa tkellem mal-Prim Ministru lura f'Novembru meta infurmah li kien qed isib diffikultajiet biex isir dan ix-xogħol u infatti lejn Diċembru stajna naraw li beda ix-xogħol li għandu isir.

8.3. Il-Viċi Sindku xtaq jistaqsi dwar ħsarat li saru fuq propjetà fi Triq il-Wied wara li sar ix-xogħol min Infrastruttura Malta kif ukoll talab sabiex isir *bus shelter* kif kien hemm qabel fi Triq Għajn Dwieli qabel il-mina. Is-Sindku irrisponda li dik l-akwata tagħmel mal-Kunsill ta' Bormla u mhux ma' dak ta' Paola u dwar il-każ ta' Triq il-Wied huwa kien ressaq l-ilment lill-Infrastruttura Malta u tkellem mal-Perit konċernat. Kompla billi qal ser jerġa jkellmu.

8.4. Il-Kunsilliera Arqueros pproponiet li lejn Settembru isir festival tad-drama fil-miftuħ imxerred mal-lokalita kif ukoll isir xi ħaġa marbuta mal-Għid. Il-membri qablu però qalu li wieħed irid dejjem jikkunsidra l-pożizzjoni u l-pariri tal-Awtoritajiet tas-Saħħa b'rabta mal-imxija tal-pandemija. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera tlaħħam il-proposti tagħha u naraw flimkien x'jista' isir jew le.

*Il-Kunsillier Bartolo telaq mil-laqgħa.*

## 9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

9.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 20 għas-somma ta' €137,017.09 u li fiha inkludew l-pagamenti wieqfa tal-ġbir ta' skart sabiex jitħallsu fi tmiem il-kuntratt u anke tal-ELC sabiex jitħallas l-ammont pendenti sa' Novembru hekk kif xorta waħda fadal xi xogħol li kien għad irid isir marbut mal-pjanti li kienu mietu.

## 10. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7:30pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 17 ta' Frar 2021.

10.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 17 ta' Frar 2021.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Kurt Scerri | Dominic Grima |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |